31987L0164

ID–DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-2 ta' Marzu 1987
li temenda, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja, id-Direttiva 80/987/KEE rigward it-taqrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom

(87/164/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, u b'mod partikolari, l-Artikolu 2(3) tiegħu, u l-Att ta' l-Adeżjoni miżjud miegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 396 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 80/987/KEE [1] jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu, bħala eċċezzjoni, jeskludu pretensjonijiet magħmula minn ċerti kategoriji ta' mpjegati mill-iskop tad-Direttiva minħabba n-natura speċjali tal-kuntratt tax-xogħol ta' l-impjegat jew tar-relazzjoni tax-xogħol;

Billi, skond din id-dispożizzjoni, ir-Renju ta' Spanja applika biex jeskludi sefturi domestiċi impjegati minn persuni naturali mill-iskop ta' din id-Direttiva, minħabba in-natura speċjali tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom;

Billi huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat l-Anness tad-Direttiva 80/987/KEE bi qbil mal-linji ta' gwida imniżżla fl-Anness II, il-Kapitolu V, il-punt 4 ta' l-Att tas-Sħubija,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1986, it-tagsima 1 ta' l-Anness tad-Direttiva 80/987/KEE qed tiġi emendata kif ġej:

(a) wara "A. IL-GREĊJA", jiddaħħal dan li ġej:

"B. SPANJA

Sefturi domestiċi impjegati minn persuna naturali.";

(b) B, Ċ u D isiru rispettivament Ċ, D u E.

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Marzu 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

P. DE KEERSMAEKER

---

[1] ĠU L 283, tat-28.10.1980, p. 23.